# Diskors Mill-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

## Konferenza Nazzjonali fil-Ħames Anniversarju mit-twaqqif tal-Gvern Lokali Lukanda New Dolmen, 21 ta' Novembru 1998

**Onor Prim Ministru, Onor Segretarju Parlamentari, Onor Ministri, Segretarji Parlamentari, Membri tal-Parlament, Kollegi Sindki u Kunsillieri.**

Fl-14 ta' Ġunju 1993, il-Parlament Malti approva l-liġi li permezz tagħha twaqqfu l-Kunsilli Lokali. Dan l-Att li jirregola 67 Kunsill Lokali huwa mfassal fuq il-Prinċipji li nsibu fil-Karta Ewropea dwar il-Gvern Lokali.

Malta bħala membru attiv tal-Kunsill ta' l-Ewropa sa minn mindu pajjiżna ħa l-Indipendenza tiegħu u sar sovran, irratifikat din il-Karta Ewropea hekk kif twaqqfu l-Kunsilli Lokali u f'dan l-aspett pajjiżna kien minn ta' quddiem.

Bla dubju b'dan kollu nifhem l-impenn politiku tal-Gvern Ċentrali illi jħaddem fil-prattika l-prinċipju tas-sussidjarjetà. B'hekk rajna ċertu poteri u funzjonijiet li sa ma twaqqfu l-Kunsilli Lokali kienu vestiti fil-Gvern Ċentrali jiġu deċentralizzati u mgħoddija lill-Kunsilli Lokali. Dan il-proċess li kien imqassam fuq perjodu ta' tlett snin kien bla dubju pass storiku fil-politika Maltija.

Dan il-proċess madankollu irid ikompli. Il-Kunsilli Lokali għadhom qed jistennew il-Gwardjani Lokali li l-liġi li twassal għat-twaqqif tagħhom tressqet u għaddiet mill-Parlament Malti sentejn ilu. Hemm poteri oħra li jistgħu jiġu delegati lill-Kunsilli Lokali fosthom l-għoti ta' permessi għall-attivitajiet pubbliċi fuq art pubblika li s'issa qed jiġu amministratti mid-Direttur ta' l-Artijiet, ċertu funzjonijiet oħra vestiti s'issa fil-korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u dik ta' l-Enemalta, kif ukoll l-amministrazzjoni tal-libreriji pubbliċi fid-diversi lokalitajiet.

Bħala President ta' l-Assoċjazzjoni nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja kemm l-Onor Prim Ministru kif ukoll l-Onor Segretarju Parlamentari Dr Austin Gatt għall-impenn tagħhom f'dan ir-rigward. Dan qiegħed ngħidu għaliex fiż-żewġ laqgħat li s'issa kellha l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ma' l-Onor Prim Ministru u ma' l-Onor Segretarju Parlamentari rispettivament intwera l-impenn tal-Gvern

Ċentrali li l-Gvern huwa kommess li jiddelega gradwalment aktar poteri lill-Kunsilli Lokali.

Li l-Kunsilli Lokali jingħataw aktar poteri sabiex nagħtu aktar rispett u saħħa lill-prinċipju ta' deċentralizazzjoni huwa mod ieħor ta' kif tissaħħaħ id-demokrazija fil-pajjiż. Fil-fatt il-poplu Malti tista' tgħid għandu rispett sħiħ lejn il-Kunsilli Lokali u xhieda ta' dan huwa l-fatt li madwar 62% ta' l-elettorat Malti eżerċità d-dritt tal-vot tiegħu fid-diversi elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li kellna s'issa.

Bla dubju l-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jwettqu l-funzjonijiet tagħhom jekk ikollhom ukoll il-mezzi finanzjarji sabiex iwettqu l-istess funzjonijiet u jieħdu inizzjattvi oħra mmirati sabiex itejjbu l-kwalità tal-ħajja tal-kommunità tagħhom. S'issa l-Kunsilli Lokali kellhom esperjenza mħallta. Fil-fatt filwaqt li fl-ewwel sentejn tal-ħidma tagħhom il-Kunsilli Lokali kellhom żieda fil-finanzjament tagħhom, matul l-aħħar sentejn il-Kunsilli Lokali kellhom tnaqqis sostanzjali ta' Lm 1.5 miljun. Dan it-tnaqqis wassal sabiex ħafna Kunsilli Lokali kellhom jagħmlu użu mit-tfaddil li kellhom fl-ewwel sentejn. Dan sabiex il-Kunsilli Lokali setgħu jwettqu l-funzjonijiet tagħhom. Dan il-fatt kien spjegat lill-Gvern Ċentrali f'Settembru 1997 fl-laqgħa li din l-Assoċjazzjoni kienet talbet mal-Ministru tal-Finanzi qabel ma ġie mfassal it-tieni budget tal-Gvern preċedenti. F'din il-laqgħa sostnejna li l-finanzjament tal-Kunsilli Lokali kien neċessarju mhux biss għall-Kunsilli Lokali nfushom iżda wkoll għaliex dawk il-flus kienu jiġġeneraw aktar kummerċ f'pajjiżna fejn bl-iżvilupp tal-Kunsilli Lokali rajna wkoll żvilupp ta' servizzi ġodda bil-kuntratturi u koperattivi ġodda li l-istess servizzi ġabu magħhom. Minkejja l-assikurazzjoni li ngħatat li mhux se jkun hemm tnaqqis fl-aħħar budget, il-Kunsilli Lokali sofrew tnaqqis ta' nofs miljun lira.

Il-Gvern preżenti sostna li l-finanzjament tal-Kunsilli Lokali ser jiżdied matul is-sena li ġejja. Din iż-żieda hija essenzjali jekk verament irridu li l-Kunsilli Lokali jibqgħalhom in-nifs tal-ħajja.

Din il-konferenza f'għeluq il-ħames snin tat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali hija ntenzjonata sabiex tixpruna diskussjoni fost il-Kunsillieri u mistiedna oħra dwar l-esperjenzi u l-iżvilupp tal-Kunsilli Lokali.

Din il-konferenza li qed issir bl-impenn sħiħ tal-Gvern Ċentrali, u hawn nixtieq nirringrazzja lis-Segretarju Parlamentari Dott Gatt għall-impenn personali tiegħu kif ukoll lis-Sur M Caruana u lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rappreżentat hawn

mill-Aġent Direttur is-Sur Victor Rizzo, għandha tiddiskuti u tevalwa ħames temi prinċipali:-

(i) l-elezzjoniji tas-Sindku;
(ii) delegi lill-Kunsilli Lokali;
(iii) kommunikazzjoni bejn Ministeri u Dipartimenti;
(iv) il-liġi tal-Kunsilli Lokali; u
(v) s-sehem tal-Kunsillier fuq bażi volontarja.

Nixtieq qabel nagħlaq ngħaddi xi ftit kummenti dwar uħud mit-temi li sejrin jiġu diskussi.

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali waqqfet kumitat fi ħdanha sabiex jifli u jagħmel il-proposti tiegħu dwar l-elezzjoni tas-Sindku. Dan il-kumitat twaqqaf wara d-diskussjoni li kien hemm fl-istampa lokali hekk kif ġew konklużi l-elezzjonijiet ta' Marzu li għadda u l-elezzjonijiet sussegwenti tas-Sindki f'April. Dan il-kumitat sfortunatament ltaqa' darbtejn biss u dana minħabba li ħadna ftit ta' żmien sabiex irnexxilna niksbu kopji ta' leġislazzjonijiet barranin kif ukoll sussegwentament kellna l-elezzjoni ġenerali li xi ftit jew wisq naqqset l-attività politika ta' l-Assoċjazzjoni matul l-istess perjodu.

Filwaqt li personalment nemmen li l-fatt li l-Partit Laburista se jibda jikkontesta l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali jista' jkollu effett fuq il-ħatra tas-Sindku madankollu dan ma jfissirx li m'hemmx lok għad-diskussjoni dwar il-mod ta' kif jinħatar is-Sindku u jekk hemmx bżonn ta' tibdil f'din il-proċedura.

Huwa neċessarju li fid-diskussjoni u fir-rakkomandazzjonijiet li jsiru fuq il-ħatra tas-Sindku tingħata konsiderazzjoni għall-fatt li s-Sindku għandu ċertu funzjonijiet limitati taħt il-liġi preżenti. Għandna naħsbu wkoll biex dawn jiżdiedu jekk is-Sindku se jiġi elett direttament mill-poplu? Taħt liema ċirkostanza Sindku jkun jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu? Se nibqgħu bil-proċedura preżenti jiġifieri b'maġġoranza sempliċi tal-Kunsillieri u mingħajr ebda raġuni Sindku jitneħħa mill-kariga? X'se jiġri meta Sindku jirreżenja jew jitneħħa mill-kariga; kif se jiġi elett is-Sindku l-ġdid? Jekk is-Sindku se jiġi elett direttament mill-poplu, huwa meħtieġ li l-Viċi Sindku jiġi elett ukoll direttament mill-poplu ladarba dan għandu jassumi l-funzjoni tas-Sindku meta dan ta' l-aħħar ikun nieqes, jew indispost? Fl-aħħarnett naħseb li wasal iż-żmien ukoll illi kull lokalità jkollha l-Viċi Sindku tagħha. Ma jagħmilx aktar sens li f'ċertu lokalitajiet u cioe' fejn hemm ħames Kunsillieri awtomatikament l-aktar wieħed

anzjan fost il-Kunsillieri jassumi r-rwol ta' Sindku meta dan ta' l-aħħar ikun temporanjament nieqes.

Ċertament dawn il-punti u oħrajn li m'għandiex il-ħin noqgħod insemmihom hawn għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni f'kull diskussjoni u proposta li ssir dwar l-elezzjoni tas-Sindku. B'hekk nippruvaw noħolqu sistema li tista' taħdem tajjeb fil-kuntest politiku Malti.

Ngħaddi sabiex nesprimi l-fehma tiegħi dwar suġġett ieħor fuq l-aġenda tal-lum: - il-kommunikazzjoni bejn il-Ministeri u d-Dipartimenti tal-Gvern Ċentrali. L-esperjenza f'dan il-qasam twassalni biex ngħid illi ċertu dipartimenti tal-gvern għadhom ma għarfux il-fatt li l-Kunsilli Lokali huma Gvernijiet lokali. Għad hemm dipartimenti li għadhom ma ħasbux sabiex jagħmlu t-tibdil meħtieġ fi ħdanhom u jfittxu li jikkonsultaw u jaħdmu fil-qrib mal-Kunsilli Lokali.

Inħoss li għandi nirrimarka wkoll illi sar progress matul iż-żmien iżda għad fadal ħafna x'isir. Din l-Assoċjazzjoni kellha l-opportunità li waqt laqgħa li kellha mas-Sur J R Grima Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, nirrimarkaw il-problemi li l-Kunsilli Lokali kienu qed jiltaqgħu magħhom fejn jidħlu d-Dipartimenti tal-Gvern l-aktar dawk id-Dipartimenti li għandhom xogħol kuntrattwali xi jwettqu lill-Kunsilli Lokali.

Inħoss ukoll illi attenzjoni partikolari għandha tingħata mill-Gvern Ċentrali. Kien hemm il-proposta mill-Gvern preċendenti (li fl-aħħar mill-aħħar qatt ma mmaterjalizzat ħlief għal żewġ eċċezzjonijiet u dan għalkemm l-Assoċjazzjoni kienet ippreżentat rapport tagħha lil Gvern) dwar il-ħatra ta' Kunsillier bħala Direttur fuq bordijiet tal-Gvern u korporazzjonijiet Parastatali. Sinċerament nħoss illi l-ħatra ta' kunsillier fuq dawn il-Bordijiet qatt ma tista' ssolvi l-problemi li jiltaqgħu magħhom il-Kunsilli Lokali. Ir-relazzjoni għandha tkun diretta bejn id-Dipartiment/Korporazzjoni mal-Kunsill Lokali: relazzjoni ta' konsultazzjoni u kollaborazzjoni kollettiva fl-interess tal-kommunitajiet tagħna. Kemm il-Kunsill Lokali kif ukoll id-dipartimenti għandu jkollhom l-għan li jipprovdu l-aħjar servizz lil kull membru tal-kommunitajiet tagħha. Insostni wkoll illi fejn huwa possibbli dipartimenti u korporazzjonijiet għandhom jiddelegaw poteri tagħhom lill-Kunsilli Lokali. Dan sabiex is-servizz meħtieġ ikun aktar effiċjenti u qrib aktar tal-poplu.

Punt ieħor li nixtieq nagħlaq bih huwa dak li jikkonċerna l-Gvern Ċentrali. Fil-passat il-Kunsilli Lokali għaddew minn esperjenza fejn xogħolijiet mogħtija taħt il-kuntratt

li għandhom mal-Gvern Ċentrali waqqfu sakemm il-ħaddiema wettqu xogħol fuq proġetti bħal dak ta' Buġibba, Marsaxlokk, Birżebbugia u ta' Wied il-Għajn. M'inhiex nikkritika għaliex sar ix-xogħol iżda l-fatt li mingħajr biss il-Kunsilli Lokali kienu avżati ttieħdulhom il-ħaddiema mil-lokalitajiet tagħhom u dan biex isir ix-xogħol tal-Gvern Ċentrali mingħajr konsiderazzjoni għax-xogħol li kien qed isir fil-lokalitajiet. Din hija attitudni ta' prepotenza u ta' nuqqas ta' rispett lejn il-Kunsilli Lokali.

L-istess jista' jingħad għall-fatt li ċertu dipartimenti jieħdu inizzjattivi li jolqtu lill-Kunsilli Lokali mingħajr konsultazzjoni jew ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jew ma' Kunsill Lokali partikolari nvolut. Nagħti bħala eżempju d-direttivi li għal xi żmien kienu joħorġu mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet bħal fil-każ tax-xiri ta' materjal.

Jekk verament naslu sabiex nikkonsultaw aktar flimkien bla dubju l-ħidma tkun ferm aħjar. Hawn nixtieq nirrimarka l-mod tajjeb li bih jaħdem il-Bord għall-Kontroll tat-traffiku u l-progress reġistrat fir-rispett ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar fejn madankollu għad fadal ħafna xogħol xi jsir.

Nagħlaq biex nikkummenta dwar l-assenjar ta' ħaddiema tal-Gvern Ċentrali mal-Kunsilli Lokali. Irrid ngħid li din l-iskema f'ċertu Kunsilli Lokali ma ħadmitx filwaqt li kellna bnadi oħra fejn din ħadmet tajjeb. L-iskop warajha huwa tajjeb u jgħin lill-Kunsilli Lokali jiffrankaw ħafna flus għal xogħlijiet żgħar fil-lokalità tagħhom. Huwa neċessarju iżda li din l-iskema tkun kunsidrata mill-ġdid billi ssir evalwazzjoni ta' esperjenzi kollha.

Il-ħin ma jippermettilix li nikkumenta fuq il-punti l-oħra ta' l-aġenda ta' din il-Konferenza. Madankollu xtaqt forsi nsemmi fil-qosor il-ħsibijiet tiegħi fir-rigward tal-liġi tal-Kunsilli Lokali.

Kif għidt qabel il-bażi tal-liġi tagħna hija bażi soda għaliex tirrifletti r-rekwiżiti tal-Karta Ewropea li minnhom Malta qatt ma tista' titbiegħed.

Madankollu rridu nfittxu w niddiskutu jekk huwiex opportun sabiex nagħmlu emendi oħra fosthom:-

(i) il-*co-option* ta' membri tal-Kunsill;

(ii) x'saħħa legali għandu jingħata il-Kodiċi ta' Etika tal-Kunsillieri?

Dan hu fattur illi għandu jiġi studjat biex fil-Kunsilli Lokali tagħna ikollna aktar trasparenza u għaqal fit-tmexxija. Hekk inkunu mexjin fl-istess direzzjoni li l-Kungress ta' l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali ta' l-Ewropa qed jieħu f'dan il-qasam permezz ta' Kumitat tal-Kungress illi b'xorti ngħid nifforma parti minnu.

Nistaqsi wkoll huwiex opportun li t-twaqqif tal-Kunsilli Lokali jkunx aktar imsaħħaħ billi jiġu protetti fil-kostituzzjoni ta' Malta kif fil-fatt jeżisti f'ħafna pajjiżi oħra Ewropej.

Nagħlaq billi l-ewwelnett nirringrazzja lil kull min qiegħed jattendi għal din il-Konferenza tal-lum. Bla dubju mingħajr l-attendenza u l-parteċipazzjoni tagħkom, il-ħidma preparattiva kollha kemm ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kif ukoll tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kienet tkun ta' xejn.

Nieħu wkoll din l-okkażżjoni sabiex nirringrazzja lil Onor Prim Ministru Dott Eddie Fenech Adami u lis-Segretarju Parlamentari Dr Austin Gatt għall-impenn tagħhom fir-rispett tal-Kunsilli Lokali u għas-sostenn tagħhom biex saret din il-Konferenza.

Qed niċċelebraw il-ħames anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Nħoss li għandi f'isem l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nirringrazzja lis-Sindki u lill-Kunsillieri kollha għall-impenn tagħhom.

Nirringrazzja u nsellem lil dawk kollha li f'xi perjodu servew bħala Sindki u Kunsillieri u għal xi raġuni rriżenjaw jew ma reġgħux ikkontestaw l-elezzjoni tal-Kunsill tagħhom.

Insellem ukoll lil dawk il-Kunsillieri li llum mhumiex preżenti magħna għaliex ħallew din id-dinja. Grazzi wkoll tal-ħidma u l-inpenn li intom tajtu għall-ġid tal-kommunitajiet li inthom għażiltu li sservu.